MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1021/2006

**Blye Engineering Company Limited**
**vs**
**Virtu Ferries Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti ihallsu in linea ta' danni s-somma ta' ( disa' mija tmienja u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmi ( €938.74 ) ekwivalenti ghal erba' mija u tlett Liri Maltin (LM403) ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Kwantu ghal €687.16 (ekwivalenti ghal LM295) danni minnha sofferti fit-trakk taghhha tal-marka KIA K2700, bin-numru ta' registrazzjoni BLE-035 waqt li dan, fit-3 ta' Frar, 2005 kien qed jingarr taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta fuq il-Catamaran San Gwann u ghall-habta tad-9.30p.m. intlaqghat minn trakk iehor, bin-numru ta' registrazzjoni IAU-742 li kien ghadu kemm qata' c-

cineg f’bahar qawwi (dokumenti relatati annessi mat-talba) u
(b) kwantu ghal 280 Euro (ekwivalenti ghal LM108) bhala rifusjoni ta’ spejjez zejda ta’ garr u trasport inkorsi mis-socjeta’ attrici wara li fl-4 ta’ Ottubru, 2006 waqt il-vjagg lura minn Pozallo ghal Malta, fuq il-catamaran Maria Dolores hija giet abusivament mizmuma mill-Kaptan milli terga’ ttella’ abbord oggetti fuq ir-*rack* tal-vettura privata taghha tal-marka Maruti *hatchback*, bin-numru ta’ registrazzjoni BLE-033 u minhabba f’hekk kellha taghmel arrangamenti ohra urgenti ghal garr u trasport tal-istess oggeti.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rappresentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra- r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn issollevat, illi fir-rigward tat-talba (a) Is-Socjeta’ konvenuta tichad il-pretensjonijiet attrici stante illli:
(i) In linea preliminari dan it-Tribunal m’ghandux kompetenza biex jisma’ din it-talba u dan minhabba n-natura tat-talba in kwistjoni li taqa’ taht Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta u li ghalhekk trid tigi riferita ghall-arbitragg;

(ii) Minghajr pregudizzju ghas-suespost is–socjeta’ attrici rrinunzjat ghal kull dritt li seta’ kellha li tfittex is-socjeta’ konvenuta ghal danni kkawzati lil vetturi abbord il-bastiment meta xtrat il-biljett sabiex tuza s-servizz ta’ trasport provdut mis-socjeta’ konvenuta u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess biljett (dokument anness);

(iii) Mingahjr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghad-danni pretizi, stante illi dawn gew ikkawzati minn cirkostanzi mhux fil-kontroll tas-socjeta’ konvenuta li hadet il-mizuri kollha necessarji sabiex tevita l-istess.

Illi t-Tribunal ra r-risposta fir-rigward tat-talba (b) fejn gie ssollevat illi s-socjeta’ konvenuta tichad il-pretensjonijiet

attrici stante illi: (i) Il-Kaptan tal-Katamaran '*Maria Dolores'* kellu dritt u obbligu fil-ligi li jzomm li s-socjeta' attrici milli ttella' abbord il-bastiment vetturi jew tghabbija li hu jqis li tista' tikkostitwixxi periklu ghal passigieri, l-ekwipagg jew vetturui ohra u li s-sudett Kaptan ezecita' d-drittijiet skond il-kundizzjonijiet tal-biljett (document anness mat-talba) u skond il-ligi.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta titlob bir-rispett lil dan it-tribunal jichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal fl-10 ta'Mejju,2007 laqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u ddikjara 'lli t-talba (a) ghandha tigi riferita ghal arbitragg u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tat-talba (b) tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba quddiem dan it-Tribunal giet ridotta ghal mitejn sebgha u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmi (€251.57) ekwivalenti ghal mija u tmien mitt Lira Maltin (LM108).

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-Atti tal-kawza.

Sema x-xhieda ta' Raymond Mallia, Neil Marshall, Brenda Khazmi, u Henri Saliba.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Din il-kawza ttitratta dwar spejjez zejda ta' garr u trasport inkorsi mis-socjeta' attrici liema spejjez gew michuda mis-socjeta' konvenuta.

Illi il-kaz svolga meta Raymond Mallia, l-Managing Director tas-socjeta' attrici kien telgha Sqallija fuq xoghol permezz tal-'*catamaran'* sabiex jigbor xi merkanzija u ta' spiss huwa kien iqieghed xoghol fuq il-'*roof rack'* tal-vettura tieghu izda f'okkazzjoni wahda kien gie mwaqqaf mill-kaptan milli jghabbi xoghol fuq ir-'*roof rack'*, di fatti huwa kellu jhott ix-xoghol fuq ordni tal-kaptan. Ix-xhud qal

ukoll illi fil-vjagg bejn Malta u Pozzallo huwa kien telgha mghobbi u kien gie mwissi 'lli fil-vjagg lura lejn Malta huwa ma setghax jivvjagga bir-'*roof rack'* mghobbija. Ix-Xhud spjega kif il-biljettt tal-vjagg ma jindika ebda kundizzjoni li tghidlek li ma tistax tghabbi xoghol fir-'*roof rack'*. Huwa projbit biss il-garr ta' '*hazardous material*.' Huwa kkonferma lli ghal vjaggi successivi huwa ma kompliex jghabbi r-'*roof rack'* bil-merkanzija. Ix-xhud spjega illi huwa kien qed igorr merkanzija konsistenti fi pjanci tal-injam. Il-vettura ma kienetx ta' tip kummercjali izda imnizzla fil-'logbook' bhala vettura tal-passigieri.

Il-kaptan tal-'*catamaran'* qal illi huwa responsabbli ghal bastiment, u ghal harsien u s-sigurta' tal-passigieri u l-membri tal-ekwipagg. Illi fiz-zmien tal-kaz odjern huwa hareg struzzjonijiet dwar il-garr ta' merkanzija fuq barra tal-vetturi, fejn ebda vettura ma kienet ha tithalla tghabbi merkanzija jekk kienet titqies ta' periklu. Huwa sostna 'lli peress il-harsien u s-sigurta tal-passigieri kien dmir tieghu huwa kellu d-diskrezzjoni jara liema prekawzjonijiet ghandhu jiehu ghal harsien 'in generali' fuq il-bastiment tieghu. Fil-kaz odjern il-kaptan ftakar illi l-attur kellu xi '*air conditioning units'* li kienu mghobbija fir-'*roof rack'*. Huwa sostna lli fil-vjagg bejn Malta u Pozzallo fil-ghodu tal-istess gurnata, l-attur kien imwissi sabiex ghal vjagg lura minn Pozzallo lejn Malta ma kellux jghabbi ir-'*roof rack'* tal-vettura tieghu. Huwa sostna 'lli ghalkemm l-istruzzjonijiet dwar it-tghabbija ta' merkanzija fuq ir-'*roof racks'* kienet moghtija ftit ta' jiem qabel l-incident l-attur kien thalla jitlaq minn Malta lejn Pozzallo izda ma kienx ha jithalla jaghmel l-istess haga ghal vjagg lura. Il-Kaptan kien infurmat li l-attur kien jivjagga ta' spiss fuq il-'*catamaran*' u kien ukoll infurmat bil-mod kif huwa kien jghabbi l-vettura tieghu. Il-Kaptan qal ukoll lli l-attur gie pprezentat b'ittra bl-istruzzjonijiet bil-miktub fil-vjagg bejn Malta ghal Pozzallo, izda huwa ma kienx iffirma li kien rcieva din l-ittra. Din l-ittra kienet tghid illi l-ebda vettura kummercjali ma kienet ser tkun accettata abbord jekk kemm-il darba jkollha merkanzija mghobbija fuq barra.

Brenda Khazmi, il- 'purser' tas-Socjeta' konvenuta qalet illi s-Socjeta' kellha certi 'policies' dwar '*safety'* kemm ghal

passigieri u kemm ghal vetturi. Mhux kull vettura tkun necessarjamaent ipprojbita milli tghabbi fuq ir-'*roof rack',* izda jekk jidher lill-ekwipagg illi il-merkanzija hija '*safe'* allura it-tghabbija tithalla. Hi xehdet illi Raymond Mallia kien gie mwissi 'lli ghalkemm ghal vjagg bejn Malta ghal Pozzallo thalla jghabbi kif dejjem ghamel, ghal vjagg lura bejn Pozzallo u Malta ma kellux jgahbbi ir-'*roof rack'* bil-merkanzija. Huma kienu qed javzaw lill-klijenti kollha dwar dawn il-'*policies'* tas-socjeta Virtu' Ferries Ltd. Hja xehedet illi dawn il-kundizzjonijiet m'humiex imnizzla fil-biljett.

Fix-xhieda tad-direttur tas-socjeta' konvenuta johorgu cari l-'*policies'* tas-Socjeta' konvenuta. Huwa spjega kif it-trasport isir kemm ta' vetturi privati kif ukoll dawk kummercjali. Ghal vetturi kummercjali huma applikati tariffi differenti. Ix-xhud spjega 'lli jekk wiehed qieghed juza vettura privata u din tigi uzata ghat-tghabbija ta' merkanzija, il-merkanzija tithalla tidhol jekk tkun qieghda fil-vettura . Dwar tghabbija fuq '*roof racks'*, ix-xhud spjega 'lli jekk il-merkanzija ma tkunx ta' kobor partikolari, u jekk l-Kaptan jidhirlu lli jista' jqieghed merkanzija fuq ir-'*roof rack'*, u jekk din-il merkanzija tkun meqjusa bhala '*safe'*, allura jistghu jithallew fuq ir-'*roof rack'.* Jekk kemm-il darba hemm merkanzija li ma tithalliex titghhabba fuq ir-'*roof rack'* din il-merkanzija tigi jccargjata separatament. L-ammont huwa ta' €104.82 (LM45) ghal pallet ta' 105cms x 120 cms ghal vjagg bejn Pozzallo ghal Malta. Huwa spjega kif il-vettura tal-attur kienet ikkunsidrata bhala '*light vehicle*' u thallset it-tariffa differenti minn dik ta' vettura kummercjali. Dwar it-tghabbija li tkun ta' periklu x-xhud spjega' lli dik kienet kwistjoni li taqa' taht id-diskrezzjoni tal-Kaptan.

It-Tribunal jirrilleva lli l-Kaptan ta' bastiment jistgha juza id-diskrezzjoni tieghu ghal harsien ta' passigieri u ekwipagg. Fil-fehma tat-Tribunal jekk il-Kaptan deherlu 'lli l-mod kif kienu qieghdin jigu mghobbija '*roof racks'* ta' vetturi kunsidrati bhala 'light vehicles' kienu qieghdin jigu mghobbija zzejjed setghu jkunu ta' periklu ghal passigieri ohra, il-Kaptan ghandu kull dritt illi jordna 'lli l-merkanzija li huwa jqies bhala perikoluza ghall-passigieri u ekwipagg,

ghandha titnehha minnufih. Fil-kaz quddiem dan it-Tribunal, is-Socjeta' attrici ilmentat mill-fatt illi giet pprojbita milli tghabbi merkanzija fuq ir-'*roof rack'* u li minhabba f'hekk kellha taghmel arrangamenti ohra urgenti ghal garr u trasport ta' l-istess oggetti. Din il-merkanzjija partikolari kienet tikkonsisti *f' 'air conditioning units'* li kellhom jitqieghdu fuq is-saqaf tal-vettura ta' l-attur. Huwa kien diga mwissi fil-ghodu fil-vjagg bejn Malta u Pozzallo 'lli huwa ma kellux jghabbi aktar b'dak il-mod izda xorta wahda jpprova jivvjagga lura bl-istes mod kif kien imdorri izda giew mwaqqaf milli jitla' abbord.

Jidher illi il-'*policy'* dwar harsien tal-passigieri hija '*policy'* li ilha tintuza ghal din l-ahhar sena u nofs mis-socjeta' konvenuta u li minn dak iz-zmien giet ukoll osservata mill-attur fi vjaggi successivi.

It-Tribunal jidhirlu 'lli huwa d-dmir u obbligu tal-Kaptan illi jhares is-sigurta' tal-passigieri, ekwipagg u vetturi ohra. Illi jekk Kaptan ta' bastiment jidhirlu 'lli tghabbija zejda fuq '*roof rack'* ta' vettura titqies bhala perikoluza huwa ghandu d-dmir u l-obbligu li jwarrab il-merkanzija minn fejn tkun. Ghakldaqstant, It-Tribunal jidhirlu 'lli l-'*policies'* tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu osservati. Il-kundizzjonijiet tal-biljett huma cari meta jindikaw illi l-Kaptan jista' juza d-diskrezzjoni tieghu fl-interess ghall- harsien 'in generali' sabiex ma jhalliex tghabbija li tista' titqies ta' periklu. L-istess kundizzjonijiet jindikaw illi '..*excess luggage or accompanied cargo may be carried at the discretion of the aster of the vessel and subject to acharge in accordance with a tariff from time to time in operation*.' Dan ifisser illi fiz-zmien meta kien qed jivvjagga l-attur huwa kellu jkun jaf b'dawn il-kundizzjonijiet u li kellu obbligu li josservahom.

It-Tribunal jidhirlu lli  l-attur naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal. Illi in oltre s-Socjeta' konvenuta ma agixxietx abuzivament u kellha kull dritt thares  is-sigurta' tal-passigieri. Illi jidher mid-dokumenti ezebiti 'lli il-merkanzija li kien ha jghabbi l-attur kienet ha tkun ta' tghabija zejda ghall-ghamla tal-vettura li kien qed isuq l-attur u ghalhekk il-Kaptan ordnalu lli jhott il-

merkanzija u jhallas ghaliha separatament bhala '*accompanied cargo*.'

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jidhirlu lli l-attur kien mwissi mill-vjagg ta' qabel illi ma kellux jgahbbi merkanzija fuq is-saqaf tal-vettura izda huwa xorta wahda ghabba is-saqaf tal-vettura tieghu. Huwa kien jaf bil-proceduri il-godda u kellu fakulta' li jgorr il-merkanzija mod iehor,u cioe' jew gewwa l-vettura tieghu jew bhala '*accompanied cargo'* fl-istess' '*catamaran'*. L-attur ghazel illi jhalli l-merkanzija l-art u jibghata lejn Malta ma konsenja ohra. Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal ikkonstata l-kaz ma jidhirlux illi t-talba attrici timmerita akkoljiment.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------